# Storja tal-ġbir għall-Knisja u devozzjonijiet oħra

Guido Lanfranco

Sa mill-bidu ta' l-iżvilupp tal-knisja f'Malta, bħalma kien isir bnadi oħra, il-fidili daħlilhom l-obbligu li jagħtu xi ħaġa għall-manteniment u l-bżonnijiet tar-reliġjużi, patrijiet u l-knisja biex jassiguraw li jkollhom min jaqdihom fil-bżonnijiet tar-ruħ. Nistgħu nqisu dan bħala għamla ta' taxxa għall-bżonnijiet spiritwali bħalma jsir illum mill-gvernijiet għal dawk temporali. Imma minbarra kontribuzzjonijiet obbligatorji beda jkun hemm bosta benefatturi li jagħmlu legati u donazzjonijiet bil-fehma li dawn iservu għall-ruħhom wara mewthom. Kienu x'kienu l-flus jew oġġetti li jissarfu fi flus qatt ma servew għal dejjem u sikwit kien hemm bżonn ta' aktar fondi, għalhekk il-kappillani, qassisin fratellanzi u oħrajn, biex ikomplu jmexxu u jlaħħqu ma' l-ispejjeż żviluppaw diversi metodi ta' ġbir.

**Għas-servizzi parrokkjali**

Dokumenti antiki ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann u oħrajn aktar qribna fiż-żmien kollha juru li l-flus kienu jiġbruhom mill-magħmudijiet, żwiġijiet, self lil xi nies, vjatku, xemgħa, żejt u saħansitra minn fuq il-galeri ta' l-Ordni. Fl-Isla kienet issir ġabra għall-festa tal-Bambina, imsejħa "ġabra taż-żejt" għax fl-imgħoddi, qabel l-elettriku, dan kien jintuża ħafna. Il-fratellanzi tas-Sagrament, bħal dik tal-Belt, kienu jiġbru fil-knisja, tul ir-randan u fit-toroq fil-kumplament tas-sena għall-vjatku tal-morda foqra. F'Ħal Qormi kienet issir ġabra kull ħmistax waqt il-quddies u l-flus kienu jmorru għall-foqra tal-post. Meta daħlu s-siġġijiet tas-sogħda dawn normalment ma kinux tal-knisja, imma tas-sagristan, għalhekk, wara li l-qassis jew patri joħroġ jiġbor fil-plattin għall-bżonnijiet tal-knisja, wara ftit kien joħroġ is-sagristan bil-kopp biex jiġbor xi sitt ħabbiet għall-użu tas-siġġu. Meta kienu jaslu l-eżerċizzi, li għalihom kienu jmorru bosta nies, is-sagristan kien jiġbor is-siġġijiet kollha turrun wara l-bieb, biex min jidħol u jagħtih sold jieħu siġġu, jekk le jibqa' b'xejn. Għall-ġbir tal-flus tas-siġġijiet f'din l-okkażjoni s-sagristan ma kellux wisq ċerimonji, għax kien jilqa' idu u jdaħħal il-flus fil-but; xi kultant kont issib xi wieħed li ma' qaddu jkollu but tal-ġilda marbut b'ċinturin, biex jibqa' jdejh ħielsa, bħalma kienu jagħmlu bosta bejjiegħa. Imma sa mis-seklu sbatax daħlet id-drawwa li jiġbor bil-kopp.

**Prodotti minflok flus**

Kienu jiġbru ħafna prodotti minflok flus, għax ibiegħuhom. Bħala eżempju, l-Agostinjani t'Għawdex kienu jiġbru maħlut u qoton għall-festa tal-Madonna fil-knisja, il-Franġiskani ta' Għajnsielem kienu jiġbru bajd, frott, ħxejjex, inbid u ġbejniet, minbarra xi flus mill-knisja, li kienu jmorru għat-trasport bil-karrozzin u bid-dgħajjes, għad-dqiq tal-ħobż, pitrolju, kċina u laħam, (kif ukoll għal xi sigarru u niskata!). Darba xtraw tliet barrin b'għoxrin lira u qalgħu fuqhom disa' liri. Fis-snin tletin, il-kappillan ta' Kerċem kien jieħu abbati miegħu u jmur jiġbor xi flus u prodotti mingħand il-bdiewa u fi triqtu jħalli xi ħaġa mill-flus lil xi familja fqajra. Fin-Naxxar kienu jiġbru t-tiġieġ, u fis-Siġġiewi, f'xi żmien, il-kappillan kien jiġbor xi ħaġa mhux biss mill-amministrazzjoni tas-sagramenti, imma wkoll talli jiżen tfal morda u jaqra fuq l-irjus mill-missall galliku; ta' dan kien jitħallas b'xi serduk, ħobż u nbid. Kienu jiġbru għall-festa b'diversi modi. F'Ħal Balzan bħala eżempju, fis-seklu tmintax kienu jqassmu flieles fid-djar żmien qabel biex meta dawn jikbru jinbiegħu għall-ispejjeż ta' l-armar. F'Ħ'Attard il-familji kienu joffru tjur, fniek, u ħamiem. Kien jgħaddi l-qassis, imdawwar bit-tfal, min jiġbed karrettun u min idoqq qanpiena ta' l-idejn, iħabbat il-bibien jitlob "xi ħaġa għall-festa." Minbarra dan kienu jagħmlu wkoll ġabriet speċjali fil-knisja għall-festa.

Kultant xi kappillan jew qassis inkarigat, bħal fir-Rabat t'Għawdex, kien jixtri felu jew għoġol b'irħis u jdur bih mal-belt jew raħal, ibiegħ biljetti tal-lotterija, biex meta jiġbor biżżejjed itellgħu bix-xorti quddiem in-nies, biex il-flus imorru għall-bini tal-knisja jew xogħol ieħor (komunikazzjoni bil-fomm minn John Bezzina, Rabat, Għawdex).

**Il-kaxxa**

Biex jiġbru l-flus għall-knisja jew għal xi fratellanzi kienu jwaħħlu kaxxa ta' l-injam qrib il-bieb tal-knisja bħallikieku jkollhom karus li fih, mingħajr obbligu, min irid joffri xi ħaġa.

Imma hemm min ikollu preferenzi għal xi devozzjoni partikolari, l-aktar lejn l-Aċċjomu (*Ecce Homo*), d-Duluri, l-Kurċifiss, Santa Rita, il-Madonna tas-Saħħa u oħrajn, għax dawn in-nies iħossu bżonnhom fil-mard u fl-inkwiet, u mhux sempliċiment devozzjoni komuni, għalhekk bdew jitwaħħlu kaxxi ħdejn statwi, altari jew kwadri biex jiġbru mingħand id-devoti.

Diversi fratellanzi kellhom il-kaxxa għall-ispejjeż tax-xemgħa tal-Kandlora jew għall-patrijiet u għall-festa, li bosta drabi kien obbligu li joħorġuhom l-istess fratelli u nofs l-ispejjeż għaż-żejt kienu jeħduh mill-kaxxa. Biex jifirxu aktar fil-ġbir, xi fratellanzi kienu jħallu kaxxa bis-simbolu tagħhom fuq il-galeri ta' l-Ordni ta' San Ġwann bħalma kienu jagħmlu dawk tas-Sagrament tal-Belt. Sa ftit ilu konna naraw kaxxa fid-daħla tal-knisja li kien ikollha miktub fuqha "ħobż ta' Sant' Antnin" jew "Pane di San Antonio" . Din kienet tintuża biex il-ġabra tmur għall-ħobż li dari kienu jqassmu lill-foqra fil-festa ta' Sant' Antnin ta' Padova, l-aktar fil-festa tiegħu jew fit-tifkira ta' l-erwieħ imqaddsa. San Anton Abbati m'għandu x'jaqsam xejn ma' din il-kaxxa, kif kienu jaħsbu xi nies.

Fit-toroq, taħt xi niċċa jew ma' xi knisja magħluqa kont, u għadek, issib bħal karus tal-ħadid jinfed ma' ġewwa ingastat fil-ħajt biex fih tista' tixħet xi munita. Mal-bieb tal-knisja ta' Santa Marta tar-Rabat t'Għawdex hemm gradilja biex minnha tista' tixħet il-flus għaż-żejt.

**L-ajk, iċ-ċerkatur u r-rożarjant**

Sa ftit żmien ilu konna naraw ma' kullimkien l-ajk għaddej fit-triq, iħabbat bieb bieb, bil-ħorġa fuq spalltu, jiġbor għall-komunità tal-kunvent. L-aktar kienu jtuh affarijiet ta' l-ikel, imma wkoll xi ħaġa tal-flus. Kemm għax-xita, kif ukoll għax-xemx, sikwit kien iġorr miegħu l-umbrella, ġeneralment ta' lewn griż.



Tpinġija: Guido Lanfranco

*Rożarjant jiġbor għall-ikkundannati għall-mewt qalb in-nies li kienu jagħtu xi ħaġa tal-flus għal ruħ dawn l-imsejkna*

Wieħed mill-aktar magħrufin għall-ġbir kien Fra Diegu Bonanno li waqqaf l-istitut tal-Ħamrun, li kien joħroġ jiġbor kuljum, filgħodu u wara nofsinhar sa nżul ix-xemx. Waqt li l-ajk jiġbor għall-patrijiet, kien jidher ukoll xi ħadd mill-Fratellanza tas-Sagrament biex jiġbor għall-Vjatku. Dan kien ikollu

karus ċatt tal-metall li jinqabad minn żewġ ħoloq minn wara u bix-xoffa għall-muniti fit-tarf ta' fuq; mal-faċċata kien ikollu xi santa mwaħħla jew pinġuta bi xbiha ta' Ostja, kalċi jew simbolu ieħor tas-Sagrament.

Dak li kien inkarigat jiġbor għall-fratellanzi ġie li kienu jgħidulu ċ-ċerkatur, li xi drabi kien jilbes ta' fratell. Iċ-ċerkatur tal-Fratellanza tas-Sagrament tal-Belt, almenu fis-seklu sbatax, biex jingħaraf kien jilbes żimarra ħamra, żarbun iswed, kalzetti ħomor, umbrella bajdanija u l-medaljun tal-fratellanza. Kien jiġbor mhux biss għall-vjatku, imma wkoll għax-xemgħa mbierka tal-Kandlora li kien iqassam hu stess fit-toroq.

Il-fratelli tar-Rużarju ta' San Duminku tal-Belt jgħidulhom ukoll rożarjanti. Din il-fratellanza kienet ħadet taħt idejha x-xogħol tal-fratellanza tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista u tal-Ħniena li kellhom il-kavallieri ta' San Ġwann li għadna naraw l-oratorju tagħhom b'dan it-titular fil-knisja ta' l-Ordni fil-Belt. Dawn kienu jieħdu ħsieb l-ikkundannati għall-mewt fl-aħħar mumenti tagħhom u għal-ruħhom wara mewthom. Għalhekk ir-rożarjanti bdew ukoll jagħmlu dan ix-xogħol, u kull meta kien ikun hemm xi ħadd ikkundannat, kienu joħorġu jiġbru fit-toroq, libsin l-abjad, wiċċhom mgħotti b'żewġ toqbiet għall-għajnejn u kappell abjad bil-faldi kbar; f'idhom kien ikollhom karus tal-metall ċatt, jinqabad minn wara, u fuq quddiem kellu mpinġija r-ras ta' San Ġwann Dekollat. In-nies kienu jibżgħu minnhom imma jagħtuhom milli jistgħu.

### Qanpiena u ħanżira ta' l-erwieħ

■ Tista' tgħid li kullimkien kienu jiġbru għall-quddies ta' l-erwieħ imqaddsa, imma dari dan il-ġbir kellu xeħta differenti minn ta' issa. Il-fratellanza tar-Rużarju tal-Birgu kienu jiġbru għall-quddies offruti għall-vittmi tal-pesta midfuna fiċ-ċimiteru ta' Santu Rokku barra l-ħitan. Il-bdiewa ta' l-Imġarr kienu joffru bajd u majjali tat-twelid apposta biex jinbiegħu u mill-qliegħ nofs imur għall-erwieħ.

F'xi postijiet kien joħroġ il-qassis jiġbor għall-quddies ta' l-erwieħ, ġeneralment nhar ta' Tnejn, jum dedikat lilhom, u miegħu kien ikollu tifel biex idoqq qanpiena ċkejkna ta' l-idejn, biex in-nies tat-triq ikunu jafu li ġej u jlestu xi ħaġa (jew taparsi ma jkunux id-dar!).

Il-qanpiena kienu jsejħulha "ta' l-erwieħ" minħabba f'hekk, imma kienet isservi għal ħaġa oħra wkoll. Min kien ikollu xi tfal b'mard tal-griežem jew xi ħanqa, kien jeħodhom il-knisja u jitlob lill-qassis jisqi lit-tfal ftit ilma minn ġol-qanpiena ta' l-erwieħ bit-tama li jgħaddilhom, għax kien hawn ħafna devoti ta' l-erwieħ.

L-aktar fis-seklu dsatax u parti mis-seklu għoxrin it-toroq kienu ġeneralment maħmuġin, mhux biss mimlijin klieb u qtates, imma wkoll bit-tiġieġ u l-majjali. Li kienu jħalluhom jirgħu fuq il-ħmieġ tat-toroq. Fost oħrajn kien ikun hemm il-ħanżira ta' l-erwieħ.

Din kienet tkun mogħtija ċkejkna lill-kappillan u dan kien iħalliha tiġġerra u tlaqqat li jtuha n-nies, biex meta tikber ibiegħuha bl-offerta fuq iz-zuntier u l-flus imorru għall-quddies ta' l-erwieħ tal-purgatorju.

### L-ewwel frott jew il-fermizzi tal-massari

■ Billi fl-antik il-biedja kienet l-aktar mifruxa fil-gżejjer, il-bdiewa jew, kif kienu jissejħu wkoll, il-massari, kienu l-aktar numerużi, għalhekk il-kappillan kien ikollu jirrikorri għandhom biex jiġbor xi ħaġa għall-bżonnijiet tal-knisja tagħhom. Minbarra l-għotja volontarja kien hemm drittijiet tal-knisja li kellhom jitħallsu lill-kappillani u l-aktar li jissemmew huma l-fermizzi, jew kif kienu jgħidulhom ukoll, il-primizji b'referenza għall-ewwel frott jew prodott ta' l-għalqa. Dawn kienu jvarjaw skond kemm kien jista' wieħed aktar minn ieħor u jvarjaw

ukoll minn raħal għall-ieħor. Bħala eżempju, fin-Naxxar, fis-seklu tmintax, dawk li kellhom baqra tal-ħart kienu obbligati jagħtu b'nofs tomna qamħ, nofs oħra xgħir u nofs wiżna qoton.

F'Ħal Qormi fis-seklu sbatax, il-bdiewa kienu jagħtu l-primizji b'tomna qamħ, tomna xgħir u wiżna qoton fil-fosdqa; dawk li jistgħu kienu jħallsu l-iskudi skond il-mezzi. Fl-Imġarr ta' Malta l-kappillani kellhom diversi xejriet ta' ġbir. Xi bdiewa kienu jżommu u jrabbu ngħaġ u mogħoż apposta biex il-ħalib tagħhom ibiegħuh u l-flus imorru għall-knisja. Meta kienet qed tinbena l-knisja, tista' tgħid li kull nhar ta' Ħadd filgħaxija kien isir irkant fuq iz-zuntier ta' gidien, majjali, qamħ u l-kumplament biex jinbiegħu għall-bini. Minbarra dan fis-snin għoxrin kienu wkoll ibiegħu ġebel mill-knisja l-qadima, u jiġbru l-offerti mir-reffiegħa ta' l-istatwa titulari, jagħmlu l-fieri, u kull familja kienet toffri bajda kull ġimgħa; minn dawn ta' l-aħħar biss kienu ġabru 877 lira sterlina. F'postijiet oħra, bħal Mosta, tlitt irbgħajja kull familja u ż-Żejtun rbgħajja waħda. Il-bdiewa tal-Mosta ġieli kellhom jagħtu tomna xgħir, tomna qamħ u wiżna qoton.


Tpinġija: Guido Lanfranco

*Ajk jiġbor għall-bżonnijiet tal-kunvent tiegħu*

Fis-seklu għoxrin il-bdiewa tal-Mellieħa, bħala eżempju, kienu joffru prodotti biex isir irkant minnhom fil-pjazza nhar ta' Ħadd, fosthom xi qargħa ħamra, ħanżir u patata. Kif insemmu l-Mellieħa tajjeb ngħidu li s-sajjieda tat-tunnara kellhom id-drawwa li joffru l-ewwel tonna ta' l-istaġun għall-knisja. Fis-seklu sittax, bdiewa tal-Għargħur kienu jagħtu balla qoton lill-qassis li kien imur iqaddsilhom nhar ta' Ħadd. Fis-seklu dsatax, qabel ma bdew jagħtu flus biss u jagħmlu l-fieri, f'Kerċem il-kappillan kien jiġbor qoton, qamħ, kemmun, silla, tiben, ful, piżelli, ċikkarda, patata u l-kumplament. F'Sannat, fl-istess seklu, il-kappillani rari kienu jiġbru l-flus u, minbarra ġbir ta' silla, qamħ u qoton kienu jqassmu ħafna flieles lill-familji tal-parroċċa u jbiegħuhom meta jikbru tiġieġ, sriedek u ħosjien. Il-flus kienu jmorru għax-xiri ta' xemgħa li tintuża fl-agunija. L-offerta tal-plattin fil-knisja nhar ta' Ħadd kienet iġġib biss xi ftit ħbub.

Fl-1978 ħarġet liġi biex tikkontrolla l-ġbir fil-knisja u barra, għax kien żmien meta kienet qed tiġi kontrollata l-proprjetà tal-knisja in ġenerali.


Ritratt: George Cassar

*Waħda mill-kappelli rustiċi fil-Mosta antika dik ta' San Pawl Eremita ġewwa Wied il-Għasel*